MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta ta' l-14 ta' Frar, 2003

Avviz Numru. 736/2002

**Avviz numru 736/02DM**

**Paul Dimech**

**vs**

**Middle Sea Insurance plc**

Il-Qorti

Rat l-avviz permezz ta’ liema l-attur talab il-kundanna tal-konvenuti ghal hlas tas-somma ta’ Lm2850 (elfejn tmien mija u hamsin Lira Maltin) jew somma verjuri li ghandha tigi likwidata minn dina l-Qorti jekk hemm bzonn bl-opera ta’ periti nominandi u dana ai termini ta’ polza ta’ assigurazzjoni tat-tip ‘comprehensive’ mahruga mis-socjeta konvenuta ghall-perjodu l-1 ta’ April 1998 sal-31 ta’ Marzu 1999 fuq il-vettura tal-attur tal-marka Peugeot

309 numru ta’ registrazzjoni CBD 492, polza numru 21300485001, u dana in segwitu ghall-incident tat-traffiku li fiha kienet involuta l-vettura imsemmija li sehhet fl-10 t’Ottubru 1998 f’San Pawl il-Bahar, u li b’rizultat tal-incident spiccat ‘beyond economical repair’.

Bl-imghax mid-data tal-incident u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficcjali tal-24 ta’ Settembru 2002 kontra s-socjeta konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenuti debitament notifikati ma dehrux biex jikkontestaw it-talba attrici.

Ghaldaqstant wara li l-Qorti semghet bil-gurament lill-attur, rat id-dokument esibiti konsistenti fil-kopja tas-survey report maghmula minn Mark Zammit, is-surveyor mibghut mill-istess kumpanija konvenuta, u anke rat ukoll il-polza tal-assikurazzjoni bin-numru 21300485001 esibita wkoll mill-attur, isib illi t-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

Ghaldaqstant il-Qorti qieghda ghar-ragunijiet indikati fl-avviz tilqa t-talba attrici u tillikwida l-ammont dovut lill-attur in linea ta’ kumpens fis-somma ta’ Lm2850 (elfejn tmien mija u hamsin lira Maltin) u qieghda tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lill-attur l-imsemmija somma ta’ Lm2850 (elfejn tmien mija u hamsin lira Maltin) bl-imghaxijiet legali b’effett mill-24 ta’ Settembru tas-sena 2002;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

--------------------------------TMIEM--------------------------------